# NERAZZURRO — *NEWSLETTER*






FRAR — MARZU 2008 ĦARĠA NRU 5


## F'DIN IL-ĦARGA


INTER DREAM TEAM 100 ANNI 2

IS-'SURVEYS' FUQ IL-WEBSITE TAL-KLABB 3

LEJN 4

IĊ-ĊENTINARJU

1911-1912 U 1912-1913

RIŻULTATI SERIE A 8

2007-2008

ANALIŻI TAL-KAMPJONAT 9

IL PRESIDENTE DOTT. MASSIMO MORATTI 10

BIRTHDAYS TAL-PLEJERS INTERISITI 11


### KLASSIFIKA SA GIORNATA 26

| | |
|---|---|
| INTER | 61 |
| ROMA | 55 |
| JUVENTUS | 48 |
| FIORENTINA | 47 |
| MILAN | 43 |
| UDINESE | 39 |
| SAMPDORIA | 36 |
| GENOA | 35 |

## 100 SENA TA' GLORJA, SODISFAZZJON U SUĊĊESSI

**Għeżież sħabi Interisti,**

Fl-aħħar waslet il-ġurnata tant mistennija, il-ġurnata li kull interista fid-dinja ser jiċċelebra bil-kbir. Għax il-mument storiku li tim bħal Inter jagħlaq mitt sena, hija xi ħaġa straordinarja għalina t-tifosi. Mhux biss, iżda li dan iċ-ċentinarju ser jiġi ċċelebrat u inkurunat bħala suċċess enormi li l-Inter huwa l-uniku tim fl-istorja tal-futbol Taljan li qatt ma niżel fis-Serie B.

Mitt sena ta' glorja, ta' suċċessi, ta' sodisfazzjonijiet, ta' onesta', ta' ndafa, ta' kredibilita' u fl-aħħar u mhux l-inqas, ta' kuraġġ li żamm lilna it-tifosi nibqgħu insegwu u niġru wara l-INTERNAZIONALE F.C.

Kienu mitt sena li raw eluf kbar ta' plejers jilbsu l-flokkijiet tradizzjonali nerazzurri. Mitt sena li raw dsatax-il president differenti li sostnew din is-soċjeta' glorjuża. Mitt sena li raw ħafna diriġenti jiddefendu l-kawża Interisti. Mitt sena li l-Inter raw ħafna rekords jinkisru u għadhom sa' llum ħajjin, bħal per eżempju, biex inkun semmejt tnejn minn fost ħafna, dik li l-Inter huwa l-uniku tim fl-Italja li f'sena waħda, dik ta' l-1965 rebaħ il-Kampjonat, it-Tazza taċ-Champions u t-Tazza Interkontinentali.

Rekord ieħor qawwi huwa dak li l-aqwa top-skorer s'issa fl-istorja tal-futbol taljan kien Angelillo, plejer tas-snin 50 u 60, fejn skurja 33 gowl.

Aħna mill-qiegħ ta' qalbna, nawguraw *ad multos annos* lil din is-soċjeta' glorjuża li għandha segwaċi mad-dinja kollha u speċjalment f'Malta fejn jeżisti l-ikbar Inter Supporters Club fid-dinja.

*John Zammit*



## KOMPETIZZJONI—INTER DREAM TEAM 100 ANNI

L-Inter Club Malta qed jagħmel 'mega-sondaggio' fejn il-membri kollha jkunu jistgħu jibagħtu l-aqwa 11-il plejer ta' l-Inter, kemm mill-preżent u kemm mill-passat. Dawk kollha li huma fl-address book ta' l-Inter Club Malta irċevew email bil-formola fejn kull membru jista' jagħmel l-għażla tiegħu ta' l-aqwa 11-il plejer matul il-mitt sena ta' l-Inter. Importanti ħafna li dawk kollha li għadhom ma tawniex l-email tagħhom jinfurmawna fuq newsletter@interclubmalta.com. Hemm xi wħud mill-membri li għandhom il-'mailbox' mimlija jew inkella bidlu 'l-email address' tagħhom u għalhekk l-emails li qed nibagħtulkom mill-klabb qed jerġgħu jiġu lura.






Dan is-sondaggio se jibqa' miftuħ sa l-aħħar ta' Marzu u l-membru li jintagħzel bil-polza jirbaħ set badges kommemorattivi li se joħroġ il-klabb fil-ġimgħat li ġejjin. L-email bil-lista tal-plejers għandha tintbagħat BISS fuq newsletter@interclubmalta.com. Jekk jogħġobkom tibagħtux il-formola fuq info@interclubmalta.com. Il-kompetizzjoni hi miftuħa biss għall-membri.

Kull ġimgħa se jibda jkun hemm updates ta' l-Inter Dream Team temporanju fuq il-website tal-klabb.

Nħeġġu lill-membri kollha biex jipparteċipaw. Kull min għadu ma vvutax jista' jagħmel dan billi jibgħat email fuq newsletter@interclubmalta.com

## RITRATTI TAL-ĠITA—INTER VS ATALANTA & VS FENERBAHCE

Hawn taħt jidhru xi ritratti tal-ġita organizzata mill-Inter Club Malta li saret f'Novembru li għadda. Kull min għandu xi ritratti meħudin waqt il-ġiti u jkun jixtieq li nġibuhom fuq din in-'newsletter', għandu jibgħathom permezz ta' email fuq newsletter@interclubmalta.com. Jekk jogħġobkom tibgħatux iktar minn tlett ritratti.








## IS-'SURVEYS' JEW 'SONDAGGI' FUQ IL-WEBSITE TAL-KLABB

**L-Inter Club Malta ilu għal diversi xhur jagħmel 'surveys' jew 'sondaggi' kemm fuq l-Inter kif ukoll fuq il-klabb tagħna. Infakkrukom li biex tagħtu l-opinjoni tagħkom m'għandkomx bżonn tirreġistraw fil-website jew bżonn ta' passwords imma kull ma tridu tagħmlu u kemm tidħlu fil-website u tagħmlu l-għażla tagħkom skond il-mistoqsija jew is-suġġett. Hawn taħt qed nuru r-riżultati ta' l-aħħar sondaggi li saru matul Jannar u Frar 2008.**

### Mario Balotelli għandu jkun konvokat aktar spiss?




### Liema oġġetti għoġbuk l-aktar mill-materjal 2007/08?




**Nixtiequ nfakkru lill-membri li l-materjal għall-istaġun 2007/2008 beda jitqassam minn ftit xhur ilu. Għad fadal xi membri li għadhom ma ġabrux il-materjal u għalhekk inħeġġuhom biex jagħmlu dan kemm jista' jkun malajr biex ma jiddiżappuntawx ruħhom. Il-materjal ma jintbagħatx bil-posta. Hemm diversi offerti ta' materjal mill-isbaħ, bħal bnadar, badges, 'mugs' u ingrevati għal min jgħati donazzjoni. Il-materjal jista' jingabar mill-klabb kull nhar ta' TLIETA, L-ERBGĦA u l-GIMGĦA bejn is-6:30 pm u 8:00 pm. Kif ukoll kull nhar ta' Ħadd bejn id-9:30 am u 11:30 am u waqt il-logħbiet ta' l-Inter.**





# KAMPJONAT 1911 - 1912




| KAMPJONAT GIRONE | | |
|---|---|---|
| 08/10/1911 | CASALE - INTER | 0 - 3 |
| 15/10/1911 | INTER - TORINO | 1 - 1 |
| 22/10/1911 | GENOA - INTER | 3 - 2 |
| 29/10/1911 | INTER - ANDREA DORIA | 4 - 0 |
| 05/11/1911 | MILAN - INTER | 2 - 1 |
| 12/11/1911 | INTER - PRO VERCELLI | 2 - 1 |
| 19/11/1911 | U.S. MILANESE - INTER | 0 - 5 |
| 26/11/1911 | INTER - JUVENTUS | 6 - 1 |
| 03/12/1911 | PIEMONTE - INTER | 0 - 2 |
| 10/12/1911 | INTER - CASALE | 0 - 1 |
| 17/12/1911 | TORINO - INTER | 2 - 1 |
| 07/01/1912 | INTER - GENOA | 1 - 3 |
| 14/01/1912 | ANDREA DORIA - INTER | 0 - 2 |
| 21/01/1912 | INTER - MILAN | 0 - 3 |
| 28/01/1912 | PRO VERCELLI - INTER | 3 - 1 |
| 04/02/1912 | INTER - U.S. MILANESE | 2 - 0 |
| 11/02/1912 | JUVENTUS - INTER | 0 - 4 |
| 19/02/1912 | INTER - PIEMONTE | 5 - 1 |

| KLASSIFIKA | | |
|---|---|---|
| 1 | PRO VERCELLI | 32 |
| 2 | MILAN | 31 |
| 3 | GENOA | 24 |
| 4 | INTER | 21 |
| 5 | TORINO | 21 |
| 6 | CASALE | 15 |
| 7 | ANDREA DORIA | 15 |
| 8 | JUVENTUS | 9 |
| 9 | U.S. MILANESE | 8 |
| 10 | PIEMONTE | 4 |

## IS-SOĊJETA' U T-TIM (1911—1912)

PRESIDENT :  Emilio Hirzel

KOWĊ : Virgilio Fossati

PLEJERS :

CAMPELLI Piero - Milano (MI) - 20/12/1893 - Gowler

CORINALDESI Mario - Milano (MI) - 04/09/1891 - Difensur

DE MAGISTRIS II Alessandro - Ramusano (MI) - 24/03/1890 - Difensur

ENGLER Oscar - San Gallo (SUI) - 29/01/1889 - Difensur

FRONTE Roberto - Milano (MI) - 09/03/1893 - Difensur

MORETTI Mario - Milano (MI) - 07/05/1889 - Difensur

PAILLARD - Difensore

VIGANO' Oreste - Milano (MI) - 31/07/1891 - Difensur

CAIMI Giuseppe - Milano (MI) - 30/12/1890 - Nofs il-grownd

CRESPI Ernesto - Milano (MI) - 22/11/1891 - Nofs il-grownd

FOSSATI I Virgilio - Milano (MI) - 12/09/1889 - Nofs il-grownd

PAYER I Carlo - Milano (MI) - 04/01/1890 - Nofs il-grownd

PETERLY I Ernest - (SUI) - 01/01/1892 - Nofs il-grownd

SCHLEIDER Paolo - Milano (MI) - 26/02/1891 - Nofs il-grownd

STEBLER - (SUI) - Nofs il-grownd

AEBI Ermanno - Milano (MI) - 22/11/1892 - Attakkant

BONTADINI Franco - Milano (MI) - 07/01/1893 - Attakkant

CROTTI Enrico - Novara (NO) - 30/01/1893 - Attakkant

FERRADINI Ugo - Milano (MI) - 13/10/1891 - Attakkant

GAMA Achille - Parà (BRA) - 08/01/1892 - Attakkant

SCHEWENDENER - Attakkant

# KAMPJONAT 1912 - 1913



| KAMPJONAT GIRONE | | |
|---|---|---|
| 03/11/1912 | INTER - GENOA | 2 - 3 |
| 10/11/1912 | U.S. MILANESE - INTER | 0 - 2 |
| 17/11/1912 | INTER - MILAN | 1 - 2 |
| 24/11/1912 | RACING LIBERTAS - INTER | 1 - 6 |
| 19/01/1913 | ANDREA DORIA - INTER | 6 - 0 |
| 25/01/1913 | GENOA - INTER | 0 - 1 |
| 02/02/1913 | INTER - U.S. MILANESE | 2 - 0 |
| 09/02/1913 | MILAN - INTER | 1 - 0 |
| 16/02/1913 | INTER - RACING LIBERTAS | 5 - 0 |
| 23/02/1913 | INTER - ANDREA DORIA | 5 - 1 |

| KLASSIFIKA | | |
|---|---|---|
| 1 | MILAN | 18 |
| 2 | GENOA | 16 |
| 3 | INTER | 12 |
| 4 | ANDREA DORIA | 9 |
| 5 | U.S. MILANESE | 4 |
| 6 | RACING LIBERTAS | 1 |



***Campelli Piero*** *magħruf bħala* ***'Nasone'*** *(1910—1924)*

*L-ewwel fost id-dinastija ta' gowlers Interisti li għamlu epoka..*

*Lagħab 179 partita bil-flokk Interista.*



***Cevenini Luigi III*** *magħruf bħala* ***'Zizi'*** *(1912—1927)*

*Lagħab 190 partita bil-flokk Interista u skurja 156 gowl.*

## IS-SOĊJETA' U T-TIM

PRESIDENT : Emilio Hirzel

KOWĊ : Virgilio Fossati

PLEJERS :

CAMPELLI Piero - Milano (MI) - 20/12/1893 - Gowler

CEVENINI II Mario - Chiavari (GE) - 27/07/1891 - Difensur

ENGLER Oscar - San Gallo (SUI) - 29/01/1889 - Difensur

MORETTI Mario - Milano (MI) - 07/05/1889 - Difensur

VIGANO' Oreste - Milano (MI) - 31/07/1891 - Difensur

ARRIGONI Luigi - Milano (MI) - 14/12/1892 - Nofs il-ground

CAIMI Giuseppe - Milano (MI) - 30/12/1890 - Nofs il-ground

CEVENINI I Aldo - Arona (NO) - 08/11/1889 - Nofs il-ground

FOSSATI I Virgilio - Milano (MI) - 12/09/1889 - Nofs il-ground

PETERLY I Ernest - (SUI) - 01/01/1892 - Nofs il-ground

SCHLEIDER Paolo - Milano (MI) - 26/02/1891 - Nofs il-ground

STEBLER - (SUI) - Nofs il-ground

AEBI Ermanno - Milano (MI) - 22/11/1892 - Attakkant

BONTADINI Franco - Milano (MI) - 07/01/1893 - Attakkant

CARRER Gustavo - Riva di Trento (TN) - 21/05/1885 - Attakkant

CEVENINI III Luigi - Milano (MI) - 13/03/1895 - Attakkant

CROTTI Enrico - Novara (NO) - 30/01/1893 - Attakkant

GAMA Achille - Parà (BRA) - 08/01/1892 - Attakkant



*10/11/1912*

*U.S. Milanese – Inter = 0–2*

***Luigi "Zizi" Cevenini III** jiskurja l–ewwel gowl tiegħu bil-flokk Interista.*

**LE PARTITE DELL' INTER DEL CAMPIONATO SERIE A 2007/08**

**13 ta' Jannar 2008 – Giornata 18 – Siena 2-3 Inter**

**Formazzjoni:** Julio Cesar, Maicon (46' Stankovic), Cordoba, Materazzi, Maxwell (83' Burdisso), J.Zanetti, Chivu, Cambiasso, Jimenez (72' Pele'), Ibrahimovic, Cruz

**Skorers:** 26' Ibrahimovic (pen, I), 31, Maccarone (S), 46' Cambiasso, 52' Ibrahimovic (I) u 91' Forestieri (S)

**20 ta' Jannar 2008 – Giornata 19 – Inter 3-2 Parma**

**Formazzjoni:** Julio Cesar, Burdisso, Cordoba, Materazzi, Maxwell, J. Zanetti, Cambiasso, Maniche, Jimenez, Ibrahimovic, Crespo.

**Skorers:** 30' Cambiasso (I), 40' Cigarini, 69' Gasbarroni (P), 88' (pen) u 93' Ibrahimovic.

**Noti:** 87' Tkeċċa F. Couto



**27 ta' Jannar 2008 – Giornata 20– Udinese 0-0 Inter**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Burdisso, Cordoba, Materazzi, Maxwell, J. Zanetti, Stankovic, Cambiasso (84' Crespo), Cesar, Ibrahimovic, Cruz (78' Vieira).

**Noti:** 23' Tkeċċa Cesar

**3 ta' Frar 2008 – Giornata 21 – Inter 1-0 Empoli**

**Formazzjoni:** J. Cesar, J. Zanetti, Burdisso, Materazzi, Chivu, Vieira, Cambiasso, Stankovic (49' Rivas), Jimenez (46' Maxwell), Ibrahimovic, Cruz (56' Suazo).

**Skorers:** 34' Ibrahimovic (pen) **Noti:** 39' Tkeċċa Vieira



**10 ta' Frar 2008 – Giornata 22 – Catania 0-2 Inter**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Burdisso, Cordoba, Materazzi, Maxwell, Jimenez (26' Pele), Zanetti, Cambiasso, Chivu (55' Suazo), Ibrahimovic (71' Maniche), Cruz.

**Skorers:** 65' Cambiasso u 67' Suazo



**16 ta' Frar 2008 – Giornata 23– Inter 2-0 Livorno**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Maicon (73' Figo), Burdisso, Chivu, Maxwell, Zanetti, Pele, Cambiasso, Stankovic (68' Maniche), Suazo, Crespo (85' Materazzi).

**Skorers:** 14' u 18' Suazo

**24 ta' Frar 2008 – Giornata 24 – Sampdoria 1-1 Inter**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Maicon, Rivas, Materazzi, Maxwell (66' Figo), Zanetti, Vieira (81' Maniche), Cambiasso, Stankovic (83' Pele'), Crespo, Suazo.

**Skorers:** 65' Cassano (S) u 76' Crespo (I)




**28 ta' Frar 2008 – Giornata 25 – Inter 1-1 Roma**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Maicon, Burdisso, Chivu, Maxwell, J. Zanetti, Vieira, Cambiasso (58' Balotelli), Stankovic (46' Suazo), Figo, Crespo (61' Pele').

**Skorers:** 38' Totti (R ) u 88' J. Zanetti (I) **Noti:** 84' Tkeċċa Mexes



**2 ta' Marzu 2008 – Giornata 26 – Napoli 1-0 Inter**

**Formazzjoni:** J. Cesar, Maicon, Rivas, Chivu (52' Crespo), Materazzi, Maniche (45' J. Zanetti), Vieira, Pele', Figo (Jimenez), Suazo, Balotelli **Skorers:** 3' Zalayeta (N)

Fl-ewwel xahrejn li kellna ta' Serie A spikkaw iktar il-kontroversji fuq ir-*referees* milli il-logħob li kien hemm fil-grawnd…. u **KUMBINAZZJONI** kulħadd beda jġibha bi kbira għax kien hemm l-Inter involuti. Biss ma kienx hemm polemiċi arbitrali biss f' dawn ix-xahrejn iżda kien hemm ukoll logħob u taqlib fil-Klassifika kif ser naraw.

Mill-aħħar li tkellimna 'l hawn ma nbidel xejn f'ras il-klassifika għax l-Inter bqajna l-ewwel (62 punt) għalkemm, ejja ngħidu s-sewwa kollu; ir-*referees* iffavorewna xi ftit bħal ma ġara fir-rebħiet kontra Parma (3-2) u Catania (2-0) pero' il-logħob ma kienx xi speċjalita' lanqas. Biss minkejja din is-semi-ammissjoni li għamilt, nixtieq nagħmel ħaġa ċara u tonda: **L-INTER M'GĦANDHOM BŻONN TA' EBDA GĦAJNUNA ARBITRALI BIEX JID-DOMINAW BĦAL MA ILNA NAGĦMLU F' DAWN L-AĦĦAR SENTEJN!!!**

Sitt punti wara l-Inter insibu lir-Roma (55 punt) fejn spikkaw fost l-oħrajn it-telfiet li kellhom kontra Siena (0-2) u Juventus (0-1). Ta' min isemmi li fl-aħħar ta' Frar, Inter u Roma iltaqgħu kontra xulxin bir-riżultat ikun 1-1. Fit-tielet post insibu 'l Juventus (48 punt) li għal darb' oħra ġew iddanneġjati fil-logħba kontra Reggina li tilfu (1-2) u wara ħarġulna b' *open letter* lill-Federazzjoni qishom insew dak kollu li għamlu fi żmien it-*Triade*.

L-isfida għar-raba' post jidher li ser tkun interessanti għax qed tara 'l Fiorentina (47 punt) u l-ġirien (43 punt) li għelbu lill-*Viola* 1-0 fil-konfront dirett li sar ġewwa Firenze fil-bidu ta' Frar. Il-*Viola* pero', tilfu konfront dirett importanti fl-Erbgħa u Għoxrin Ġurnata ġewwa Ruma u dan jista' jkun determinanti hekk kif jasal Mejju. Rigward it-tieni tim ta' Milano nista' ngħid li saflaħħar il-Messija Pato qed itellagħhom ftit 'il fuq fil-klassifika, (kmieni!!!) pero' tilfu lid-Disgħa u Disgħin li weġġa' kontra il-Livorno u ħadd ma jaf hux ħa nerġgħu narawh fi grawnd tal-futbol. L-Udinese jinsabu waħidhom fis-sitt post b'39 punt. Dan huwa l-unika tim li s'issa żamm lill-Inter (1-1 fl-ewwel Ġur-nata u 0-0 fl-Għoxrin Ġurnata).

Wara dawn insibu ħames timijiet fi tlett punti li ser ituna sfida mill-aktar qawwija għall-aħħar postijiet UEFA li għad fadal jingħataw. Insibu iż-żewġ timijiet ta' Genova fejn splodewlhom ukoll l-attakkanti ewlenin; Borriello u Cassano. Samp għandhom 36 punt u Genoa 35 punt u fid-*derby* Ġenoviż li ntlagħab fit-Tlieta u Għoxrin Ġurnata rajna rebħa ta' 1-0 mis-Sampdoria. Palermo għandhom punti daqs il-Genoa u Atalanta isegwu b' 34 punt. In-Napoli jagħlqu dan il-grupp bi 33 punt. Għalkemm il-Partenopej għamlu rebħa mhux mistennija kontra l-Kapolista, it-tim ta' Reja naħseb li għad fadallu ftit x'jaqdef jekk kemm il-darba jrid jaspira għall-post fl-Ewropa u telfiet bħal ma kisbu fi Frar, per eżempju kontra Empoli (3-1 ġos-San Paolo), żgur li mhux ħa jgħinuhom jaslu s'hawn. Wara n-Napoli insibu l-Lazio (30 punt) li sinċerament qed jiddeluduni dis-sena. Wisq probabbli it-tim ta' Delio Rossi ma felaħx għat-tlett kompetizzjonijiet li kienu mdaħħla fihom, (tinsewx li aktar kmieni fl-istaġun kienu qed jieħdu sehem fil-UEFA *Champions League*).

Tim ieħor li ħafna kien mistenni minnu kien Torino (28 punt). Biss it-tim ta' Novellino, kompliċi wkoll ħafna drojiet, (fosthom 0-0 kontra l-ġirien Juventus fl-aħħar ta' Frar), ser jispiċċaw jagħmlu xi staġun ieħor jiġġieldu biex iżommu posthom mal-kbar. Siena għandhom punti daqs il-Granata. Plejer interessanti li hemm fit-tim ta' Siena huwa Forestieri, il-plejer li skurja it-3-2 definit ta' Siena-Inter fl-ewwel logħba tal-2008. Dan il-plejer għad għandu biss 17' il sena biss nemmen li jista jkun importanti għat-tamiet ta' Salvazzjoni tas-Siena.

Il-Livorno rkupraw ħafna wara bidu diżastruż. Ir-rebħa fuq il-Catania jaf kienet kruċjali fl-isfida għas-salvezza. Parma u Empoli jiġu wara l-Livorno b' 25 punt kull wieħed. L-akkwist ta' Lucarelli fit-tim tal-Parma għadu ma sewiex ta' ġid daqskemm mixtieq mill-President Ghirardi filwaqt li l-Empoli m' għamlu xejn għajr dik ir-rebħa ġo Napli li semmejt ftit aktar 'l fuq. Fit-tmintax-il post insibu 'l Catania (24 punt), fejn l-unika riżultat ta' interess li kellhom kien id-dro' ta' 1-1 fil-Ħamsa u Għoxrin Ġurnata kontra l-aktar tim titolat fid-dinja. Fl-aħħar żewġ postijiet insibu lir-Reggina (22 punt) li għadhom kif keċċew lil coach Ulivieri u Cagliari (18-il punt). It-tnejn li huma jridu jagħmlu l-aħjar possibbli biex jidħlu fil-ġlieda kontra s-Serie B u eventwalment iżommu posthom mal-kbar għal sena oħra.

X'għandna nistennew f' Marzu u April, ħbieb? Diversi logħob deċiżivi f' kull naħa tal-Klassifika. Biss għalina l-Interisti pero' l-aktar ġurnata mistennija hija is-Sibt 8 ta' Marzu fejn fil-logħba Inter-Reggina ser niċċelebraw egħluq il-mitt sena mill-fondazzjoni ta' dan it-tim **GLORJUŻ** u **NADIF** minn kull akkuża.

***Minn Antonello Abela***

***Antonello Abela*** *jippreżenta* ***CALCIO PREMIER****, il-Programm ta' Diskussjoni fuq il-Futbol Taljan u Futbol Ingliż kull nhar ta' Tnejn fit-****20:30*** *fuq* ***104.1 FANTASY RADIO****. Titilfuhx!!!*

Resqin lejn id-data li tant stennejna; l-għeluq tal-mitt sena ta' dan il-klabb prestiġġjuż u maħbub minna l-Interisti. L-għeluq ta' mitt sena ta' korrettezza, ta' Serie A u ta' glorja. Għalhekk din id-darba se niffukaw fuq il-President attwali ta' dan il-klabb minflok fuq plejer bħal ma nagħmlu s-soltu (u li ma jmurx iweġġa` xi plejer li niktbu xi artiklu fuqu għax saret tradizzjoni dan l-aħħar! Għal min segwa n-newsletter jaf x'qed ngħid!).

Ovvjament qed nirreferi għal ħadd ħlief Massimo Moratti, il-bniedem paċenzjuż (mhux mal-kowċis), il-bniedem li nefaq kull sold għall-imħabba li wiret mingħand missieru Angelo, lejn il-flokk iswed u blu. U min jistenna jithenna, u nistgħu ngħidu li fl-aħħar qed jiġu r-riżultati, grazzi għat-tim li hu stess bena, grazzi għall-paċenzja li wera ma' Roberto Mancini u grazzi ukoll għan-nuqqas ta' korruzzjoni fil-futbol Taljan. Filfatt nistgħu ngħidu li l-objettiv prinċipali ta' Moratti huwa li jerġa` joħloq "kopja" tat-tim li iddomina d-dinja fis-snin tas-sittinijiet. Ir-rekords li kissru Inter tul l-aħħar kampjonat diġa` bdew joħolqu paraguni bejn it-tim tiegħu u ta' missieru pero` hija t-tazza taċ-Champions (mirbuħa darbtejn mit-tim ta' Angelo Moratti) li forsi qed tissepara liż-żewġ timijiet. Meta Massimo, ftit ilu, ġie mistoqsi minn Inter Channel jekk jixtieqx isir l-aktar president rebbieħ fl-istorja ta' l-Inter huwa wieġeb: "Naħseb li huwa importanti ħafna li tkun serju f'xogħlok ġurnata wara ġurnata biex tipprova tilħaq l-objettivi tiegħek. Mhux qed noqogħdu noħolmu għax il-ħolm ma jistax ikun parti minn proġett. Il-proġett huwa li dejjem nkunu serji u li nirrepetu li għamilna tul dawn l-aħħar snin, jew forsi anki ftit aktar. Pero` nispera li jkun missieri l-aktar president glorjuż fl-istorja ta' l-Inter".



Bħala profil, Massimo Moratti twieled fis-16 ta' Mejju fl-1945 f' Bosco Chiesanuova. Moratti akkwista lil Inter fit-18 ta' Frar tal-1995 mingħand Ernesto Pellegrini u minn hemmek reġgħet bdiet l-era Moratti. Tul is-snin disgħin l-Inter sofrew u mhux ftit, minħabba ħafna raġunijiet fosthom in-nuqqas ta' paċenzja li Moratti wera mal-kowċis (12-il kowċ f'10 snin b'kollox), is-sistema ta' xiri ta' plejers u ħafna aktar. Filfatt is-snin disgħin kienu l-uniku perjodu ta' għaxar snin fejn l-Inter ma rebħux l-iScudetto. Kien hemm drabi fejn dan it-tragward kien viċin ħafna (1998,2002) iżda nies bħal Piero Ceccarini Massimo u Massimo, rispettivament, għamlu ċert li dan ma jseħħx. Madankollu iż-żmien tagħna wasal, u nażżarda ngħid li wasal fl-aħjar mument, f'għeluq iċ-ċentinarju. Dawn l-aħħar sentejn, wara l-iskandlu tal-*Calciopoli*, l-Inter ma kellhomx aktar tfixkil u l-akkwisti kbar mingħand ir-rivali Juventus li għamel Moratti komplew iffaċilitaw it-triq għas-suċċess domestiku. Qabel l-iskandlu ta' Moggi u sħabu, Moratti kien diġa` rebaħ Coppa Uefa, Coppa Italia u Supercoppa Italiana. U issa kompla jimla l-vetrina bir-rebħ tal-lig fl-2007 u ta' Coppa Italia oħra.



Fuq livell soċjali kulħadd jaf x'inhu Moratti. Huwa preżentament il-propjetarju tal-kumpanija Saras li tipprovdi ż-żejt lil kumpaniji kbar bħal m'huma s-Shell, it-Total, Q8 u t-Tamoil. Kien missieru li investa f'din il-kumpanija fil-bidu tas-snin sittin u issa qed igawdi minnha ibnu. Riċentament Moratti akkwista L'Unita`, il-gazzetta uffiċjali tal-Partit Komunista` li tbiegħ madwar 62 elf kopja kuljum. Hemm xnigħat li Moratti jixtieq li xi darba jkun is-sindku tal-belt ta' Milan. Rigward iċ-ċentinarju, li huwa xieraq niffokaw fuqu, Moratti qal lil Inter Channel li huwa "aċċidentalment il-President ta' dan il-klabb f'għeluq il mitt sena u għandu l-unur li qed jirrappreżenta lil Inter f'dan il-mument storiku. Hija verament xi ħaġa sabiħa".

*' il-bniedem paċenzjuż, li nefaq kull sold għall-imħabba li wiret mingħand missieru Angelo'*

Għal dawk li sejrin għal-logħba kontra r-Reggina Moratti kellu xi jgħid dwar dan ukoll: "Se jkun hemm divertiment qabel, waqt u wara l-logħba li se tintlagħab fit-8 ta' Marzu minflok fid-9 ta' Marzu minħabba l-logħba kontra l-Liverpool. Żgur li se jkun hemm xi ħaġa rigward l-istorja ta' l-Inter u rridu nkunu ċerti li tul dik il-ġurnata, il-belt ta' Milan se tipparteċipa ukoll f'din id-data storika permezz ta' esebizzjonijiet, spettaklu fit-teatri u laqgħat mal-Inter Clubs ta' madwar id-dinja. Avveniment ieħor bħal dan żgur mhux se nerġgħu nilħquh".



## INTER CLUB MALTA

Bord Editorjali: Stefan Alessandro
Antonello Abela
Alex Attard

Maħruġ mill-Inter Club Malta, Santa Venera

Tel: 2124 8728 / 2124 8744

Fax: 2124 8728

Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:

Newsletter
INTER CLUB MALTA
Triq Salvinu Spiteri
Santa Venera SVR 1110

E-mail: newsletter@interclubmalta.com

## BIRTHDAYS TA' PLAYERS TA' L-INTER MATUL FRAR U MARZU

| | | | |
|---|---|---|---|
| SAMUEL WALTER ADRIAN | 23 TA' MARZU | - | 30 SENA |
| RIVAS NELSON ENRIQUE LOPEZ | 25 TA' MARZU | - | 25 SENA |

*KULL MIN JIXTIEQ JIRRIKLAMA FUQ DIN IN-NEWSLETTER JEW FUQ IL-WEBSITE TA' L-INTER CLUB MALTA JISTA' JIBGĦAT EMAIL FUQ*

*NEWSLETTER@INTERCLUBMALTA.COM*

## INTER SHOP



Maglia Ufficiale Nike

2007-08

€ 70 *(Lm 30.05)*



Maglia Allenamento Nike

2007-08

€ 49 *(Lm 21.03)*

*Żur il-website tal-klabb għal aktar prodotti ta' l-Inter*

*www.interclubmalta.com*

## KTIEB TAĊ-ĊENTINARJU

**Bħalissa l-klabb qed iħejji ktieb ta' aktar minn 800 paġna 'hard back' li fih se jiġbor il-100 sena storja ta' l-Inter. Se jkun hemm ir-riżultati, formazzjonijiet, skorers, skeda tal-players kollha li libsu l-flokk Nerazzurro, presidenti, kowċis, kurżitajiet eċċ eċċ. Dan il-ktieb se joħroġ dal-waqt. Kellmu lil xi ħadd tal-kumitat għall-'bookings'.**

